**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2019**

**Rikors Guramentat numru 42/2015JVC**

**Emanuel Stellini u Anton Mizzi**

**vs**

**Angelo Bugeja u martu Carmen Bugeja**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti Emanuel Stellini ghandu mqabbel lilu zewg porzjonijiet raba' maghrufa bhala 'Ta' Berrini' u 'Tar-Ragramas' li jinsabu f'Santa Lucija, Ghawdex li kienu wkoll il-mertu tal-kawza tal-ispoll tal-partijiet fl-ismijiet inversi, deciza mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) Rikors Guramentat numru 78/2013;

2. Ili l-attur Anton Mizzi huwa wiehed mill-proprjetarji tal-ghalqa mertu ta' din il-kawza li jaccetta ta' kull sena l-qbiela minghand Emanuel Stellini u ma jirrikonoxxi bl-ebda mod lill-konjugi Bugeja ghalkemm huma marru diversi drabi biex jittentaw li l-qbiela tar-raba' tinqaleb fuqhom.

3. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati Angelo u Carmen konjugi Bugeja ma ghandhom ebda titolu validu fuq ir-raba' inkwistjoni u dana stante illi r-rikorrenti jew l-predecessuri fit-titolu taghhom qatt ma kkoncedew l-ebda titolu lill-intimati fuq dan ir-raba', u dan kif ukoll jafu ben tajjeb u rrizulta pruvat ampjament fil-kawza fl-ismijiet Bugeja et vs Stellini, Rik. Mahluf numru 78/2013JVC;

4. Illi l-ispoll imsemmi fil-kawza 78/2013JVC illum gie reintegrat u ghalhekk il-konvenuti qeghdin jokkupaw mill-gdid l-imsemmi raba.

5. Illi r-rikorrenti ma humiex lesti li jaghtu ebda tip ta' koncessjoni fuq il-beni mikrja esklussivament lill-attur Emanuel Stellini u ghalhekk l-intimati Angelo u Carmen Bajada qed jokkupaw dan ir-raba' illegalment u abbuzivament u qed jimpedixxu lill-attur milli jgawdu l-imsemmija proprjeta';

6. Illi peress illi t-talbiet odjerni jikkoncernaw l-izgumbrament ta' persuna/i minn raba' kif ukoll ghad-danni bhala kumpens sakemm il-fond jitbattal, u cioe' jinkwadraw ruhhom fil-provediment 167(1)(b) tal-Kap 12, ir-rikorrenti qed jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu u jitolbu li l-kawza odjerna tigi

deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi sa fejn jafu huma l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba odjerna u qed jokkupaw ir-raba b'mera tollerenza u cioe' minghajr ebda jedd fil-ligi;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

i) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikolu 167(1)(b) et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) Tiddikjara illi l-intimati qed jokkupaw il-proprjeta' hawn fuq imsemmija bla ebda titolu validu fil-ligi;

iii) Konsegwentament tordna l-izgumbrament taghhom mill-istess proprjeta' u dan fit-terminu fiss u perenterju koncess lilhom minn din il-Qorti Onorabbli.

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi huma mharrkin ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti f'kaz illi jigu ammessi l-provi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti illi eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu li huma qeghdin jivvantaw fir-rigward tar-raba' *de quo agitur*;

2. Illi minghajr pregudizzju, l-azzjoni tal-atturi hija guridikament insostennibli stante li ma tistax tigi proposta minn inkwilin izda se mai minn sid ir-raba' u dan skont *corpus* ta' gurisprudenza nostrana.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-eccipjenti jikkontendu li huma jiddetjenu titolu validu fil-ligi u li m'humiex qeghdin jokkupaw l-art in kwistjoni abbusivament.

4. Illi t-talbiet atturi ghalhekk huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, ricevuti, rapporti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tar-rikors guramentat numru 78/2013JD fl-ismijiet Angelo Bugeja et vs Emanuel Stellini;

Rat in-nomina tal-espert kaligrafiku s-Sur Joseph Mallia permezz taddigriet ta' din il-Qorti datat 17 ta' Gunju, 2016 u r-rapport tieghu fl-atti;

Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-attur Anton Mizzi li permezz taghha huwa ceda l-atti tal-kawza odjerna f'ismu biss u oppona ghal hlas ta' l-ispejjez relatati;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Novembru, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, li giet intavolata originarjament bil-procedura tal-giljottina, l-atturi qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimati minn raba' li skont huma qed jokkupaw bla ebda titolu validu fil-ligi. Din il-kawza giet istitwita kemm minn Emanuel Stellini bhala nkwilin (li jigi hu l-konvenuta) u minn Anton Mizzi bhala wiehed mill-komproprjetarji tar-raba, pero' fil-mori tal-kawza, l-attur Anton Mizzi, cioe' sid l-art, ceda l-kawza (fol. 170) u dan sa fejn jirrigwarda lilu wara li mix-xhieda tieghu rrizulta li lanqas kien jaf li tnizzel bhala parti fil-kawza (ara fol. 167 u 168 tal-process).

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu li l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom, li l-azzjoni hija wahda guridikament insostenibbli stante li ma tistax titressaq minn inkwilin izda *se mai* minn sid ir-raba', li huma jiddetjenu titolu validu fil-ligi u m'humiex jokkupaw l-art in kwistjoni abbuzivament u li t-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

**L-ewwel u t-tieni eccezzjoni:**

Illi rigward l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, din il-kawza giet istitwita minn Emanuel Stellini bhala nkwilin u minn Anton Mizzi bhala wiehed mill-komproprjetarji tar-raba'.

Illi kif ikkonfermat minn Anton Mizzi fil-affidavit tieghu (a fol. 38 tal-process), ir-raba' inkwistjoni mill-ircevuti li jaf bihom l-istess Mizzi kienet imqabbla lil Emanuel Stellini u qablu kien hemm missieru Joseph Stellini (li jigi wkoll missier il-konvenuta). L-attur Emanuel Stellini prezenta ricevuta tal-hlas tar-raba' f'isem missieru Joseph Stellini kif ukoll bosta ricevuti f'ismu personali (ara a fol. 42 u a fol. 89 sa fol. 108 tal-process). Jirrizulta ghalhekk li b'xi mod Emanuel Stellini kien gie rikonoxxut bhala nkwilin mis-sidien, ghalkemm l-attur (cedent fil-mori) Anton Mizzi in kontro-ezami jghid li huwa fir-raba' ma jaf lil hadd peress li huma (cioe' d-diversi sidien hutu u l-kugini) ma kienux imorru jivverifikaw effettivament min kien jahdem din ir-raba'. Fil-fatt irrizulta mix-xhieda ta' Anton Mizzi li min kien imur bil-ktieb tal-kera huma kienu jiffirmawlu minghajr ma jivverifikaw jekk hux minnu li tkun dik il-persuna li qed tahdem ir-raba jew le (ara fol. 129 et seq).

Illi din il-Qorti li ghexet il-kawza odjerna rat li Anton Mizzi qatt ma ppartecipa waqt is-seduti quddiemha ghajr ghal darbtejn, fejn huwa ta d-deposizzjoni tieghu fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Gunju 2017, meta dan kellu sahansitra jigi ngunt mill-attur l-iehor Emanuel Stellini (fol. 119 sa fol. 122 tal-process) u meta xehed in kontro-ezami fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2017 (a fol. 126 sa fol. 169 tal-process). Waqt din is-seduta, fil-kontro-ezami tieghu, l-attur Anton Mizzi stqarr li ma kienx ta l-permess tieghu sabiex tinfetah din il-kawza f'ismu u sahansitra permezz ta' nota (a fol. 170) prezentata dakinhar stess waqt is-seduta, huwa ceda l-atti tal-kawza odjerna f'ismu u oppona ghal hlas ta' kwalunkwe spejjez. Hekk xehed:

‘... <u>L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:</u>

Inti Sur Mizzi tixtieq tkompli bil-kawza?

<u>Ix-xhud:</u>

Kif?

<u>L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:</u>

Tixtieq tkompli bil-kawza?

<u>Ix-xhud:</u>

Imma ghax qed tistaqsini hekk jekk il-kawza?

<u>Il-Qorti:</u>

Ghax inti ftaht il-kawza.

<u>L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:</u>

Ghax inti ftaht il-kawza Sur Mizzi.

<u>Ix-xhud:</u>

Il-kawza ftahtha jien minghajr ma naf?

<u>Il-Qorti:</u>

Ghalhekk, ha naghmel domandi jien, domandi tal-Qorti. Sur Mizzi ha nurik l-ewwel faccata ta’ dan il-kaz jekk joghgbok, ara b’ghajnejk hemmhekk hemm miktub illi l-kawza hija miftuha minn Emanuel Stellini u Mario Mizzi kontra.

<u>L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:</u>

Anton, Anton.

<u>Il-Qorti:</u>

U Anton Mizzi kontra Angelo Bugeja.

<u>Ix-xhud:</u>

Sewwa.

<u>Il-Qorti:</u>

Inti taf illi ftaht din il-kawza?

Ix-xhud:

Le jien ma kontx naf b'din, jien qed nghidlek x'kont naf.

Il-Qorti:

Inti tajt il-kunsens tieghek biex tinfetah din il-kawza?

Ix-xhud:

Le ma tajt l-ebda kunsens jien.

Il-Qorti:

Ma tajt l-ebda kunsens. Iva hares lejja, ma tajtx kunsens?

Ix-xhud:

Le ma tajtx.

Il-Qorti:

Inti taf illi din il-kawza tista' twasslek biex inti trid thallas l-ispejjez lil Bugeja f'kaz li ghal li jista' jkun jirbhu huma l-kawza, taf?

Ix-xhud:

Le ma naf b'xejn dawn l-affarijiet.

Il-Qorti:

Ma taf b'xejn.

Ix-xhud:

Jiena ghedtlek x'naf, jien li naf hu li rcevejt ittra tal-Qorti.

Il-Qorti:

Biex tigi tixhed.

Ix-xhud:

Biex nixhed, dak li. Kif dawn l-affarijiet?

Il-Qorti:

Issa ismaghni wahda, wara li issa qed nuruk, qed nurik illi din il-kawza nfethet f'ismek, inti parti f'din il-kawza, qisek gejt l-Qorti u ftaht il-kawza.

Ix-xhud:

Sewwa.

Il-Qorti:

Issa d-domanda tad-Dottoressa hi, inti ghandek interess tkompli b'din il-kawza?

Ix-xhud:

U jekk ma nkomplix x'jigri, tispicca?

Il-Qorti:

Le, le.

L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:

Tohrog minnha, tohrog minnha, jibqa' l-interess tieghu, mhux problema, tohrog minnha.

Ix-xhud:

U l-kawza titkompla minghajri jigifieri?

L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:

Ezatt.

Ix-xhud:

Jien nohrog minnha f'dan il-kaz, jien qatt ma kont interessat li nidhol f'kawzi.

Il-Qorti:

Qatt ma kont interessat li tidhol f'kawzi.

L-Avukat Dottor Maria Azzopardi:

Nahseb dikjarazzjoni .....'

Illi wara li l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' b'widnejja u regghet qrat mill-gdid din id-deposizzjoni, hija tiddeplora l-imgieba tal-attur Emanuel Stellini u tqisha bhala wahda skorretta u naccettabbli. Fid-dawl ta' din in-nota ta' cessjoni, din il-kawza ghadha vigenti biss f'isem l-attur Emanuel Stellini.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenuti, il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Antonio Catania vs Rinaldo Zahra** deciza nhar il-20 ta' Frar 1953 irriteniet:

> 'Min jakkwista l-inkwilinat ta' fond ghandu azzjoni diretta biex jizgombra lil min ikun qieghed jokkupa dak il-fond, jew parti minnu, bla titolu.'

Illi hekk inghad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Michael Caruana vs Emanuel Micallef et** deciza nhar l-10 ta' Lulju 2003 u fil-kawza fl-ismijiet **Philip Magri vs Cilia Products Limited et** deciza nhar it-28 ta' April 2004 fejn inghad mill-Qorti tal-Appell:

> 'Ma hemmx dubju anke ghaliex dan il-punt hu pacifiku, illi min jakkwista l-inkwilinat ta' fond ghandu azzjoni diretta biex jizgombra lil min ikun qed jokkupa dak il-fond bla titolu.'

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan l-insenjament, kif ukoll fid-dawl li l-attur Emanuel Stellini ghandu xi forma ta' inkwilinat, din il-Qorti sejra sabiex tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

**Mertu**

Illi da parti taghhom il-konvenuti jinsistu li huma ghandhom titolu validu sabiex jiddetjenu r-raba' in kwistjoni u prova ta' dan prezentaw diversi rcevuti ffirmati minn omm il-partijiet ghalkemm jinsistu li l-ftehim kien ilu snin vigenti anki mal-missier li miet qabel. Il-firem tal-omm f'dawn id-dokumenti gew sahansitra kkonfermati bhala genwini mill-espert tekniku nominat mill-Qorti s-Sur Joseph Mallia fir-rapport tieghu a fol. 86 tal-process). Il-Qorti tifhem ghalhekk li l-konvenuti qed jivvantaw titolu ta' sullokazzjoni bejn il-genituri tal-partijiet u l-bint cioe' l-konvenuta Carmen Bugeja li possibilment jista' jwassal lill-istess konvenuti sabiex ikollhom titolu validu li jokkupaw ir-raba'.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Moses Fenech u Maria Grixti et vs. Francis u Pauline konjugi Sant** datata 26 ta' Jannar, 2011 (431/2010JA) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza simili hafna ghal dik odjerna ddikjarat kif isegwi:

> 'Illi l-kwistjoni allura hija jekk inholoqx rapport ta' sullokazzjoni bejn l-awtrici tal-atturi ossija ommhom u l-konvenuti li jwassal lill-istess konvenuti biex ikollhom titolu jokkupaw l-ghalqa. Gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawz□a fl-ismijiet **"Saviour Zammit vs Joseph Galea et"** (30 ta' Marzu 2001) illi l-kliem *"bla titolu"* espressa f'att gudizzarju promotur, kellu jinqara *fis-sens limitat*

*li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-ezistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawza kontra l-konvenut li jkun qieghed jokkupa l-fond tieghu. Ma kienx allura bizzejjed ghall-konvenut illi hu jkun qieghed jippossjedi l-fond bis-sahha ta' relazzjoni guridika legittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi hadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni guridika legittima kienet tezisti bejnu u bejn l-attur.*

Illi din il-kwistjoni allura trid tiddecidiha l-Qorti a bazi tal-provi li tressqu quddiemha. L-atturi jsostnu li ommhom kienet ghaddiet l-ghalqa lill-konvenuti b'mera tolleranza meta hija ghajjiet tahdimha u dan bil-kondizzjoni li l-istess ghalqa tigi ritornata meta hija jew uliedha jkollhom il-bzonn taghha. Il-konvenuti da parti taghhom isostnu li huma akkwistawha b'titolu ta' sullokazzjoni minghand l-istess Grezzja Fenech omm l-atturi. Il-konvenut fil-fatt jghid fl-affidavit tieghu li kien ihallas hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena izda qatt ma thallietlu ricevuta. Jghid illi aktar tard peress li Grezzja Fenech u zewgha t-tnejn kienu mietu, beda jhallas lil certa Maria Vella li kellha sehem mill-ghalqa.

Illi naturalment il-fatt li l-konvenuti ma pproducewx ricevuti biex isostnu dak li qed jghidu ma jfissirx li pagament ma sarx. Din ghaliex prova ta' hlas tista' ssir mod iehor (Ara **"Joe Chetcuti vs Joseph Pearson"**, Appell 5 ta' Ottubru 1998). Madankollu meta jigri hekk, skont l-istess sentenza, *il-konvenut*

*ikun qed jiehu riskju ghaliex jekk kontra l-kitba, il-ligi ma tippermetti ebda prova u mhux l-istess jista' jinghad ghall-provi orali.'*

Illi din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tapplika l-principji hawn fuq enuncjati ghall-provi migbura fl-atti tal-kawza odjerna. Il-konvenuti Bugeja jsostnu li ilhom jahdmu din ir-raba' ghal madwar hamsa u tletin (35) sena u dan bil-kunsens ta' Joseph Stellini (missier l-attur u l-konvenuta Carmen Bugeja). Il-konvenuta tixhed li fil-fatt qabel ma l-konvenuti zzewgu missierha kien ghaddhielha din il-bicca raba' sabiex jibdew jahdmuha huma. Tghid ukoll li l-istess kien ghamel ma' hutha l-ohra mizzewga. Temfasizza wkoll li l-attur qatt ma hadem raba u dan *ex admissis* jixhdu wkoll l-attur fil-kontro-ezami tieghu. Il-konvenuti jsostnu li huma kienu jhallsu l-qbiela lill-ginituri tal-konvenuta Carmen Bugeja (Joseph u Mary Anne Stellini), liema somma gieli anke kienet tkopri sentejn qbiela f'daqqa. Mill-kontro-ezami tal-konvenuta rrizulta li sakemm kien haj il-missier u cioe' sas-sena 1998 huma kienu jkunu jridu jhallsu bi flus izda minhabba li l-missier ma kienx ikun irid flus huma kienu jhallsu permezz tal-prodotti li kienu jaghtu lill-genituri minflok u dan tul is-sena kollha. Din il-Qorti in vista' tal-qbiela mizera li tithallas fuq din ir-raba' fis-somma ta' erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50) tqis li allura l-prodotti li l-konvenuti kienu jaghtu lill-genituri kienu jmorru ferm oltre fil-valur taghhom ghal dak dovut minnhom lilhom ghall-kera. Jirrizulta izda mill-istess xhieda tal-konvenuta li meta gie nieqes Joseph Stellini l-konvenuta nsistiet ma' ommha li hija tibda thallas bi flus u mhux prodott u li l-omm taghtiha l-ircevuta u hekk beda jsir kif jirrizulta mill-ircevuti prezentati fl-atti ezaminati wkoll mill-espert kaligrafiku (ara ricevuti

ezebiti a fol. 113 sa fol. 118 tar-Rikors Guramentat numru: 78/2013(JD) fl-ismijiet Angelo Bugeja et vs Emanuel Stellini). Appuntu hija tixhed li bdiet taghmel hekk ghaliex kienet semghet b'kaz fejn terzi kienu ser jehdulhom ir-raba' ghaliex ma kellhomx ircevuti. Il-kliem testwali ta' wahda minn dawn l-ircevuti ffirmati minn omm il-konvenuta huwa:

*'Ircevejt is-somma ta' €11.00 (Lm4.50) ghall-kera ta' sena maghluqa 15/08/2010 tar-raba' ta' Berrini minghand Carmen Bugeja Stellini'*,

bil-firma tkun dik ta' Mary Ann Stellini.

Illi da parti tieghu l-attur Emanuel Stellini jikkonferma diversi drabi fl-atti li l-konvenuti gieli hadmu r-raba' pero' skont hu dan kienu jaghmluh meta kien jitlobhom hu u bi pjacir tieghu. Fid-deposizzjoni tieghu moghtija in kontro-ezami nhar it-13 ta' Lulju, 2018 huwa jghid li l-konvenuti kienu jahdmu r-raba' *'Bil-barka tieghi jahdmu r-raba, bil-barka, jghinu lili.'* Meta rinfaccjat bl-ircevuti li ommu Mary Anne Stellini kienet taghti lil bintha l-konvenuta Carmen Bugeja huwa jichad li dan kien minnu sahansitra beda jallega li dawn setghu kienu ffalsifikati. Di fatti kien ghalhekk li fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2016 l-attur talab il-hatra ta' espert kalligrafu biex iqabbel il-firem fuq l-ircevuti ta' ommu Mary Anne Stellini rilaxxjati lill-konvenuta Carmen Bugeja ma' firem ohra fuq dokumenti varji.

Madanakollu l-espert kalligrafiku Joseph Mallia fir-rapport tieghu kkonferma li meta gew ezaminati u kkomparati dawn il-firem huwa seta' jinnota li kienu tal-istess persuna u cioe' ta' Mary Anne Stellini peress li

kellhom karatteristici simili.

Illi in vista ta' dak suespost din il-Qorti hija moralment konvinta li huwa minnu li l-konvenuta Carmen Bugeja kienet thallas lill-genituri taghha l-qbiela tar-raba' in kwistjoni l-ewwel permezz tal-prodott u konsegwentement fi flus u dan sahansitra minn qabel hija zzewget, cioe' ferm qabel is-sena 1994 meta l-attur mar ghand sid l-ghalqa u qaleb il-kirja fuqu.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi fl-atti b'mod partikolari mix-xhieda tal-konvenuta, li din il-Qorti tqis li hija xhieda attendibbli u kredibbli, li dan il-hlas lill-omm u l-iffirmar tal-ircevuta kien sahansitra jsir quddiem l-attur Emanuel Stellini li kien jghix mal-omm u kien ikun prezenti. Nonostante li dan il-hlas kien isir quddiemu, hareg car mill-provi li sakemm l-omm kienet ghadha hajja l-attur qatt ma oppona ghall-hlas mill-konvenuta jew b'xi mod infurmaha li l-hlas kellu jsir lilu ghaliex l-ircevuti minghand is-sidien fuq l-istess qbiela kienu bdew jinhargu f'ismu. Din il-Qorti hija konvinta mill-assjem tal-provi kollha migbura kemm fl-atti odjerni kif ukoll fl-atti tal-kawza ta' spoll annessa li kemm il-missier kif ukoll l-omm ma kienux konxji tal-fatt li Emanuel Stellini minn wara daharhom kien mar bil-ktieb tar-raba' in kwistjoni u talab lis-sidien sabiex jaqleb din ir-raba' fuqu. Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien ikollu access facli ghal dan il-ktieb tar-raba' kemm ghaliex kien jghix mal-genituri tieghu kif ukoll ghaliex kienu jibaghtuh l-istess genituri sabiex ihallas ir-raba' f'isimhom. Ovvjament il-genituri ma kellhom l-ebda kontroll x'jghid lis-sid meta jmur ihallas. Huwa ghalhekk li l-attur qatt

ma tkellem quddiem il-genituri tieghu b'mod partikolari quddiem ommu dwar il-bidla f'isem il-kirja u dan sabiex ma jikxifx dak li kien ghamel. Jirrizulta fil-fatt mill-atti li l-attur tkellem biss wara li mietu z-zewg genituri u permezz ta' ittra ufficcjali nterpella lil ohtu sabiex tohrog mir-raba in kwistjoni. Mill-atti b'mod partikolari mill-affidavit (fol. 39 et seq) u l-kontro ezami tal-istess attur Emanuel Stellini (a fol. 202 et seq) jirrizulta fl-ewwel lok li l-attur jammetti diversi drabi li kienet ohtu u r-ragel taghha li kienet tahdem ir-raba in kwistjoni (dan jammettih ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu) izda fit-tieni lok johrog car ukoll li l-istess Emanuel Stellini qatt ma hadem ir-raba' in kwistjoni. Dan johrog car mill-kliem evaziv u loghob bil-kliem tieghu fil-kontro-ezami filwaqt li kien qed jigi mistoqsi mill-abbli avukat tal-konvenuti x'suppost kien jaghmel fir-raba' ta' kull sena u xi prodotti kien ihawwel. B'mod partikolari meta mistoqsi min kien jizra' l-ghalqa jirrispondi li 'probabbilment' min kien jahratha. Din il-Qorti ssibha difficli biex temmen li l-attur jekk verament kif jghid hu kien jahdem l-ghalqa in kwistjoni billi jqabbad in-nies lanqas biss ikun jaf lil min kien iqabbad sabiex jizralu l-istess ghalqa! It-titubar u t-tidwir bil-kliem tal-attur partikolarment fil-kontro-ezami tieghu wkoll xejn ma jaghti sens ta' sigurta' lil din il-Qorti li l-attur qed jixhed il-verita'. Dan apparti li x-xhieda tal-attur fil-kawza odjerna dwar xi prodotti kien suppost jaghmel f'din ir-raba' lanqas taqbel max-xhieda tieghu fil-kawza ta' spoll. In oltre din il-Qorti ma tistax tinjora, ai fini ta' kredibilita' tal-attur, il-fatt li rrizulta fil-mori tal-kawza cioe' li sid l-ghalqa li suppost kien attur irrizulta li hu lanqas biss kien jaf li ddahhal fil-kawza bhala attur kontra l-konvenuti. Dawn il-manuvri certament jistghu jigu attribwiti biss lill-attur u lil hadd aktar u xejn ma jghinu sabiex din il-Qorti tqis ix-xhieda

tieghu bhala wahda veritiera u attendibbli anzi pjuttost bil-kontra.

Illi fattur iehor li jimmilita favur il-konvenuti huwa l-ammont imhallas mill-konvenuti lill-omm meta dan jitqabbel mal-ammont tal-hlas li kien qieghed isir mill-attur Emanuel Stellini lill-familja Mizzi. Di fatti jirrizulta mill-atti li l-attur Emanuel Stellini kien ihallas l-ammont ta' €10.50 fuq raba' Ta' Berrini. Fil-affidavit tieghu Emanuel Stellini jikkjarifika li r-raba' ta' l-Agramors limiti ta' Ghar Ilma '*…hija distinta li ma ghandhiex x'taqsam mal-kaz odjern*' dan sabiex jigi spjegat ghalfejn fil-ktieb tar-raba' hemm ircevuti ohra b'ammonti diversi. Fl-ircevuta taghha l-konvenuta Carmen Bugeja kienet thallas l-ammont ta' hdax-il Euro (€11) ekwivalenti ghal erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50). Meta effettivament wiehed jaqleb l-ammont ta' erba' liri u nofs Maltin (Lm4.50) ghall-Euro dawn jigu fl-ammont preciz ta' €10.50 u cioe' l-ammont ezatt li l-attur Emanuel Stellini jhallas tar-raba' Ta' Berrini lil familja Mizzi. M'hemmx ghalhekk l-ebda dubju li l-konvenuti kienu jhallsu lill-omm il-partijiet qbiela ghall-istess raba' li Emanuel Stellini kien imur ihallas lil Mizzi taghha (apparti raba' ohra li kienet f'ismu).

Illi fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tqis li gie pruvat lilha mill-konvenuti sal-grad rikjest mil-ligi li ferm lura fiz-zmien qabel ma sahansitra kienu zzewgu l-konvenuti, missier il-partijiet Joseph Stellini flimkien ma' ommhom kienu ssulokaw il-kirja tar-raba' in kwistjoni favur binthom il-konvenuta Carmen Bugeja. Din is-sitwazzjoni kienet gia ezistenti meta fis-sena 1994 l-attur mar ghand is-sid sabiex idawwar il-kirja fuqu u s-sid dawwar il-kirja minghajr ma vverifika min verament kien qed jahdem ir-raba' in kwistjoni u taht liema titolu. Certament ma

jistax jinghad li l-attur ma kienx jaf b'dan kollu stante li jirrizulta mill-atti li kien l-uniku wild li baqa' jghix mal-genituri tieghu. Il-konvenuta anki tixhed li meta l-genituri taghha gew nieqsa kien l-istess attur li lil hutu qalilhom li hu ma ried xejn mir-raba' li kienu qed jahdmu huma. Il-Qorti tqis li l-attur qal dan il-kliem ghax kien jaf ben tajjeb li l-genituri tieghu kien ssulokaw diversi bicciet raba' li kellhom lit-tfal taghhom fosthom dik odjerna. Din il-Qorti allura tqis li meta l-kirja tar-raba' in kwistjoni giet meqluba fuq l-attur Stellini fis-sena 1994, l-attur dahal fiz-zarbun ta' missieru Joseph Stellini li kien gia ssulloka r-raba' lil bintu l-konvenuta w'ghalhekk it-trasferiment tal-kirja sar kif suggett ghas-sullokazzjoni gia ezistenti favur il-konvenuta. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-konvenuti ppruvaw titolu ta' sollukazzjoni fuq ir-raba' Ta' Berrini in kontestazzjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk din l-Qorti sejra tghaddi sabiex tilqa' t-tielet eccezzjoni, bit-talbiet tal-attur Emanuel Stellini jigu michuda.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata stante li l-konvenuti nghataw l-opportunita' li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

2. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti jiddetjenu r-raba' in kontestazzjoni fl-atti maghrufa bhala 'Ta

Berrini' b'titolu validu ta' sullokazzjoni favur taghhom u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur